MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 717/2014

**S.M.W. Cortis Limited (C6728) u Cortis Timber and Wood Products Limited (C5637)**

**-vs-**

**Vella Group Limited (C22149) u John Mary *sive* Jimmy Vella**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors preżentat mis-soċjeta' rikorrenti Vella Group Limited fit-22 ta' Settembru 2014 fejn ġie premess:

Illi s-soċjeta' Vella Group Limited li tagħha John Mary *sive* Jimmy Vella huwa *sole director* kienet wettqet appalti fl-interess u fuq struzzjonijiet tas-soċjeta' S.M.W. Cortis Limited u Cortis Timber and Wood Products Limited għall-valur ta' aktar minn €200,000 li minnhom l-esponenti proprio et nomine għad fadallu jieħu s-somma ta' €83,196.36.

Illi dan l-ammont bilanċjali ilu dovut lis-soċjeta' esponenti għal madwar sitt snin bis soċjetajiet ta' Cortis jivvintaw skuża wara l-oħra biex ma jħallsux, inaqqsu r-rati miftiehma u saħansitra jibgħatu stimi differenti minn xulxin maħruġa mill-istess Perit imqabbasd minnhom, il-Perit Fenech Vella biex wara korrispondenza voluminuża u laqgħat numerużi l-esponenti baqa' ma tħallasx l-ammont lilu minnhom dovut.

Illi meta ma felħitx iżjed tiġi mgħoddija biż-żmien is-soċjeta' esponenti kienet ħarġet mandat ta' sekwestru kontra tagħhom, il-mandat numru 1145/14 fl-ismijiet inversi (hawn anness u mmarkat **Dokument B**) u għall-istess ammont mitlub fl-arbitraġġ numru 4077/14 li s-soċjeta' eċċipjenti fetħet kontra s-soċjetajiet Cortis billi l-partijiet kienu ftiehmu fil-kuntratt ta' appalti huma kellhomm jirreferu d-disputa ta' bejniethom flok quddiem il-Qrati ordinarji quddiem iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ.

Illi l-Arbitraġġ fuq imsemmi u li kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa għal riferiment iżjed faċli u a skans ta' repetizzjoni u mmarkata **Dokument A** ġie ntavolat fis-17 ta' Lulju 2014, filwaqt li l-mandat ta' sekwestru mertu ta' dan ir-rikors ġie ntavolat ftit żmien wara, u ċjoe' fid-29 ta' Lulju 2014.

Illi jidher ċar u inekwivoku illi l-mandat maħruġ mis-soċjetajiet Cortis kontra s-soċjeta' rikorrenti ġie ntavolat biss bħala tpattija vendikattiva u raġunijiet u għalhekk ġie maħruġ ukoll b'mod frivolu u vessatorju u mingħajr ebda raġuni

valida fil-Liġi billi wkoll malizjuż, partikolarment meta nħareġ mhux biss kontra s-soċjeta' eċċipjenti iżda wkoll kontra l-uniku direttur tal-istess, l-eċċipjenti l-ieħor John Mary *sive* Jimmy Vella dejjem dan biex jivvessa u jipprova jhedded *"blackmail"* liż-żewġ rikorrenti u m'hux xejn ħlief abbuż in pessima malafede tal-proċeduri legali li huma ntiżi biss biex jaġevolaw dak li huwa ġust almenu *prima facie* u ċertament mhux biex wieħed li għandu jagħti jinfexx fi tpattija u vendikazzjoni kontra dak li għandu jieħu mingħandu.

Illi għaldaqstant għandu jirriżulta illi l-ħruġ tal-mandat *de quo* jikser b'mod mill-iżjed manifest il-provvedimenti tal-Artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u b'mod partikolari s-sub-Artikoli 1 (b), (d) u (f).

*Inoltre* l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni jikser ukoll is-sub-Artikolu 8 tal-Artikolu 836 (b), (c) u b'mod partikolari (d) billi kif intqal iżjed 'il fuq mhux biss huwa frivolu jew vessatorju iżda sar b'malizja.

Għaldaqstant u in vista tal-premess l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex *ai termini* tal-Artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

1. Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju *in toto* għar-raġunijiet fuq imsemmija;

2. Konsegwentement u in vista ta' dak kontenut fl-Artikolu 836 (8) tal-Kap 12 tikkundanna lis-soċjetajiet S.M.W. Cortis Limited u Cortis Timber and Wood Product Limited tħallas kemm lill-esponenti Vella Group Limited kif ukoll lill-esponenti John Mary *sive* Jimmy Vella penali ta' mhux anqas minn €1,164.69 u mhux iżjed minn €6,988.12 u dana taħt kull provvediment li din il-Qoti għandha tagħti jekk ikun il-każ.

3. F'każ li din il-Qorti ma tilqax it-talba għat-twarrib tal-mandat ta' sekwestru *de quo* tordna lis-so ċjetajiet Cortis, *ai termini* tal-Artikoli

838A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta jagħtu kull wieħed minnhom fi żmien li jiġi stabbilit minn din il-Qorti garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tiġi mposta u ta’ danni u imgħax u fin-nuqqas tneħħi l-att kawtelatorju in kwistjoni.

Rat ir-risposta tas- soċjetajiet intimati S.M.W. Cortis Limited (C6728) u Cortis Timber and Wood Products Limited (C5637) fejn ġie eċċepit illi:

1. L-esponenti joġġezzjonaw għat-talba ta’ Vella Group Limited u John Mary *sive* Jimmy Vella biex din il-Qorti tħassar u tirrevoka l-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju fuq imsemmi.

2. L-intimati fir-rikors tagħhom jużaw kliem iebes fil-konfront tal-esponenti u jakkużawhom bi *‘tpattija vendikattiva’*, *‘ħsieb malizjuż’* u *‘abbuż in pessima malafede tal-proċeduri legali’*. Veru każ li s-seftura milli jkollha ttik! Mhux biss ir-rikors tal-intimati huwa mimli gideb li jirriżulta anke mill-atti nnifishom, iżda jekk kien hemm vendikazzjonijiet u abbuż tal-proċeduri legali dawn saru unikament mis-soċjeta’ Vella Group Limited u l-intimat John Mary *sive* Jimmy Vella, uniku direttur tagħha.

   *L-intimati Vella Group Limited m’għandhom jieħdu xejn mingħand l-esponenti.*

3. Mhux veru li s-soċjeta’ Vella Group Limited għandha tieħu €83,196.36; u fuq kollox mingħand l-esponenti SMW Cortis Limited u Cortis Timber and Wood Products Limited, ma għandha tieħu xejn.

   L-intimati jippretendu li jiddeċiedu huma x’għandhom jieħdu tax-xogħol esegwit bl-appalt. Il-kuntratt isemmi jispeċifika r-rati, kif jiġi awtorizzat xogħol extra, u min jagħmel il-kejl. Skond il-kuntratt tal-Appalt, huwa biss il-Perit Anthony Fenech Vella li għandu s-setgħha li joħroġ ċertifikati tal-ħlas, li jordna x-xogħol, li jagħti l-kejl, u jiddetermina kwistjonijiet teknici. Fejn ma jaqblux l-intimati kellhom ir-rimedju tal-Arbitru tekniku

bil-perit Godwin Abela maqbul bejn Joseph Cortis u Vella Group Limited fuq l-istess kuntratt ta' Appalt.

Vella Group Limited u Jimmy Vella jippretendu li jiddeċiedu huma x'għandhom jieħdu mingħand min.

*SMW Cortis Limited u Cortis Timber and Wood Limited ma kienux involuti fl-Appalt.*

4. L-intimati jgħidu fir-rikors tagħhom li *"s-soċjeta' Vella Group Limited li tagħha John Mary sive Jimmy Vella huwa sole director kienet wettqet appalti fl-interess u struzzjonijiet ta' S.M.W. Cortis Limited u Cortis Timber and Wood Products Limited".* B'danakollu kif jidher ċar mill-kuntratt tal-appalt esebit mill-istess intimati stess mal-Avviż tal-Arbitraġġ (Dok A) il-kuntratt tal-appalt datat 14 ta' Mejju 2008 kien iffirmat minn Jimmy Vella f'isem Vella Group Limited u minn Joseph Cortis f'isem Cortis Group.

Is-soċjetajiet SMW Cortis Limited u Cortis Timber and Wood Products Limited mhumiex parti f'dak il-ftehim. Dan jirrikonoxxuh l-intimati stess fit-Talba bil-Miktub tal-Arbitraġġ tagħhom (li qed tiġi esebita mill-esponenti bħala SMW 1[1]. Proprju fil-paragrafu 1 ta' din it-Talba l-istess intimati jammettu li l-kuntratt ta' Appalt kien iffirmat biss minn Joseph Cortis u li l-esponenti S.M.W. Cortis Limited u Cortis Timber and Wood Products Limited la kienu firmatarji u lanqas parteċipi fih. Ladarba l-esponenti ma kienux firmatarji tal-appalt anqas setgħu jittieħdu proċeduri b'arbitraġġ volontarju kontra tagħhom, għaliex huma qatt ma ssottomettew ruħhom għall-ġurisdizzjoni tal-arbitraġġ. L-esponenti ressqu eċċezzjoni dwar il-ġurisdizzjonital-arbitraġġ u qed jistennew li tiġi trattata u deċiża.

[1] L-intimati Vella Group Limited et ma esebewx din il-parti tal-Arbitraġġ.

5. Minkejja li l-intimati Vella Group Limited u Jimmy Vella jafu li l-esponenti mhumiex debituri ta' Vella Group Limited, u li f'kull każ ma setgħux jiġu intimati f'arbitraġġ volontarju mingħajr il-kunsens tagħhom, xorta waħda daħħluhom f'arbitraġġ *"għal kull interess li jista' jkollhom"*[2]. L-iskop waħdieni tal-intimati kien biex ikunu jistgħu joħorġu sekwestru kawtelatorju (Dok B)[3] kontra l-esponenti u b'hekk jagħmlu pressjoni fuq Joseph Cortis.

6. B'dan il-mandat l-intimati qed jagħmlu ħsara kbira lill-esponenti kemm mal-klijenti tagħhom, u fuq kollox mal-banek tagħhom, f'mument meta l-esponenti kienu qegħdin jinnegozjaw biex jottjenu kreditu għan-negozju tagħhom. L-esponenti, permezz tal-avukat tagħhom, għarrfu lill-intimati b'din il-ħsara u ssuġġerew li s-sekwestru jiġi rtirat fil-konfront tas-soċjetajiet esponenti u jibqa' biss fil-konfront ta' Joseph Cortis in kwantu firmatarju tal-ftehim ta' appalt, iżda Jimmy Vella baqa' jinsisti li jżomm il-mandat ta' sekwestru tiegħu fis-seħħ anke kontra l-esponenti SMW Cortis Limited u Cortis Timber and Wood Products Limited.

7. L-esponenti diġa' batew danni reali minħabba li kienu fil-proċess li jottjenu finanzjament għal proġett ta' żvilupp f'San Ġiljan. L-esponenti kellhom iwieġbu dwar dan is-sekwestru kontra tagħhom u diġa' batew dewmien, u probabbilment ser tiġi affetwata wkoll ir-rata tal-imgħax. Dawn id-danni ser ikomplu jikbru aktar ma jdum is-sekwestru tal-intimati kontra l-esponenti.

*L-esponenti diġa' pproċedew bil-kawża opportuna.*

8. Fl-ewwel lok, jiġi rilevat li l-esponenti diġa' pproċeda kontra l-intimati Vella Group Limited u John Mary *sive* Jimmy Vella, bil-kawża fl-ismijiet **"SMW Cortis Limited u Cortis Timber and Wood Products Limited vs Vella Group Limited u John Mary *sive* Jimmy Vella"** (Rikors Nru 742/14 MCH) li ser titratta t-talba tal-esponenti għad-danni reklamati minnhom.

*It-talbiet tal-intimati huma nfondati.*

[2] Ara paragrafu 2 tad-Dikjarazzjoni tal-fatti li jsostnu t-talba fit-Talba bil-Miktub tal-Arbitraġġ – Dok SMW1.
[3] Mandat ta' Sekwestru numru 1145/2014.

9. L-intimati jibbażaw it-talba tagħhom fuq l-**artikolu 836 (1) (1), (c) u (d) tal-Kap 12.**

(i) Mhux ċar għaliex jgħidu li *waħda mill-ħtiġiet tal-Liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma għadhiex teżisti* (**artikolu 836 (1) (b)**). Effettivament ir-rikorrenti naqsu li jindikaw liema ħtiġiet skond huma ma għadhomx jeżistu.

(ii) Anqas ma jiftiehem x'*garanzija xierqa oħra* (**artikolu 836 (1) (c)**) qegħdin jagħmlu riferenza għaliha. Huma ma jsemmu ebda garanzija oħra.

(iii) Donnhom li l-aktar li jisħqu huwa fuq l-(**artikolu 836 (1) (d)**) għaliex jgħidu li l-ammont mitlub mhuwiex *prima facie ġustifikat jew eċċessiv.*

Fuq bażi *prima facie* l-esponenti spjegaw kif l-intimati għamlu proċeduri ta' Arbitraġġ volontarju minkejja li l-esponenti mhumiex parteċipi fil-kuntratt tal-appalt u għalhekk ma għandhom jagħtu xejn. Minkejja dan l-intimati ħarġu sekwestru kontra l-esponenti u kkaġonawlhom u għadhom qed jikkaġonawlhom danni kif diġa' spjegat. L-esponenti ma setgħux jitolbu r-revoka ta' dak il-mandat sakemm ma tiġix deċiża l-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Arbitraġġ u għalhekk għażlu li jipproċedu b'kawża kif kontemplat fl-artikolu 836 (1) stess li jipprovdi li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836 japplikaw *"Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra".* Huma qegħdin ukoll jikkawtelaw il-jedd tagħhom, bl-istess mod kif għamlu l-intimati.

10. In vista tal-premess lanqas ma huwa l-każ li l-esponenti jiġu kkundannati jħallsu xi penali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-llum stess fejn ir-rikors tħalla għal digriet finali wara li l-Avukati nfurmaw lill-Qorti illi ma transiġewx il-vertenza, wara li fl-udjenza precedenti kienu anke trattaw ir-rikors.

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrenti qed jitolbu r-revoka tal-mandat ta' sekwestru illi nħareġ fuq talba tas-soċjeta' intimata li jġib in-numru ndikat fl-okkju u qed jiċċitaw żewġ kawżali, ossija s-sub-inċiż (8) tal-Artikolu 836 u l-Artikolu 838A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi s-sub-artikolu tal-Artikolu 836 indikat mir-rikorrenti jsemmi fost ir-raġunijiet li jiġġustifikaw it-tneħħija tal-mandat:

*(a)* *Jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi;*

*(b)* *Jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurta' biżżejjed:*

*Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat;*

*(c)* *Jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidita' tiegħu u dwar il-kapaċita' finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew;*

*(d) Jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.*

*"Illi fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara illi hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna l-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie."* Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża **"Camilleri vs Gove et"** deċiża fl-10 ta' Mejju 2001; mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagżmel din il-Qorti huwa biss dak ta' *prima facie*, u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn *si tratta* dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja. (Ara wkoll is-sentenza fil-kawża **"Emanuel Sammut vs Josephine Sammut"** deċiża fil-5 ta' Ġunju 2003).

Illi għalhekk il-Qorti trid tara jekk *prima facie* jeżistux raġunijet, dejjem skond is-sub-artikoli msemmija mir-rikorrenti, biex il-mandat jiġi revokat, parzjalment jew *in toto*.

Illi din il-Qorti kif presjeduta għadha kif iddeċidiet kawża rigward l-artikolu msemmi (**"Tal-General vs Kunsill Lokali Mosta"** – deċiża fl-24 ta' Frar 2010) li fiha qalet illi: *"(mandat) m'għandux jinħareġ biex iġib l-allegat debitur għarkubbtejh, bid-dovut rigward għad-drittjiet tal-allegat kreditur illi jekk ikollu indizju ċar li l-kreditu tiegħu jista' jiġi eluż (kif kien jingħad fir-rikorsi għall-ħruġ tagħhom antikament, u ċjoe' qabel ir-rikorsi saru formoli apposta) ikun jista' jitlob miżuri maħsuba mill-istess liġi biex jipproteġi d-drittijiet tiegħu."*

Illi l-Qorti ma rriżultalhiex li *prima facie* r-rikorrenti għandhom raġuni valida biex jitolbu l-ħruġ tal-kontro-mandat; is-soċjeta' intimata ottjeniet il-ħruġ tal-mandat għaliex issostni li ma kellhiex tiġi imdaħħla fi proċeduri kontra d-direttur tas-soċjeta' tagħhom li fil-fehma tagħha kellu jitħarrek personalment.

Naturalment il-Qorti ma tistax tidħol fil-mertu tal-kwistjoni li hija kumplessa wisq biex f'dan l-istadju l-istess Qorti tiddeċiedi li tneħħi s-sekwestru li jista' jkun l-uniku meżż biex tottjeni l-ħlas tad-danni li qed tirreklama.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi dan ir-rikors billi tiċħad it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħha**.

**Moqrija.**

| | |
|---|---|
| **Onor. Joseph Azzopardi LL.D.** | **Mario Debono** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------